

Dikjarazzjoni



Dikjarazzjoni dwar is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-311/18 - *Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland, Maximillian Schrems*

Adottata fis-17 ta' Lulju 2020

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

L-EDPB jilqa' s-sentenza tal-QĠUE, li tenfasizza d-dritt fundamentali għall-privatezza fil-kuntest tat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi. Id-deċiżjoni tal-QĠUE hija ta' importanza kbira. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) ħa nota tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tinvalida d-Deċiżjoni 2016/1250 dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S., u tal-fatt li hija tqis li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/87 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi hija valida.

L-EDPB iddiskuta d-deċiżjoni tal-Qorti matul l-34 sessjoni plenarja tiegħu tas-17 ta' Lulju 2020.

Fir-rigward tal-**Ħarsien tal-Privatezza**, l-EDPB jirrimarka li l-UE u l-Istati Uniti għandhom jiksbu qafas komplut u effettiv li jggarantixxi li l-livell ta' protezzjoni mogħti lid-*data* personali fl-Istati Uniti jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit fl-UE, f'konformità mas-sentenza.

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data identifika fil-passat xi wħud min-nuqqasijiet ewlenin tal-Ħarsien tal-Privatezza li fir-rigward tagħhom il-QĠUE timmotiva d-deċiżjoni tagħha li tiddikjara invalida.

L-EDPB staqsa fir-rapporti tiegħu dwar ir-rieżamijiet konġunti annwali tal-Ħarsien tal-Privatezza, il-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* tan-neċessità u l-proporzjonalità fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Istati Uniti¹.

¹ Ara l-EDPB, il-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. - It-Tieni Rapport Annwali ta' Rieżami Konġunt, https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/other/eu-us-privacy-shield-second-annual-joint-review-report-22012019_mt; u l-EDPB, il-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. - It-Tielet Rapport Annwali ta' Rieżami

L-EDPB għandu l-ħsieb li jkompli jkollu rwol kostruttiv fl-iżgurar ta' trasferiment transatlantiku ta' *data* personali li tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet taż-ŻEE u jinsab lest li jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'assistenza u gwida biex jgħinha tibni, flimkien mal-Istati Uniti, qafas ġdid li jikkonforma bis-sħiħ mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Filwaqt li **I-SCCs** jibqgħu validi, il-QĠUE tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn iżommu, fil-prattika, livell ta' protezzjoni li jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit mill-GDPR fid-dawl tal-Karta tal-UE. Il-valutazzjoni dwar jekk il-pajjiżi li lilhom tintbagħat id-*data* joffru protezzjoni adegwata hija primarjament ir-responsabbiltà tal-esportatur u l-importatur, meta jkun qed jikkunsidra jekk jidħolx fl-SCCs. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni minn qabel, l-esportatur (jekk meħtieġ, bl-assistenza tal-importatur) għandu jqis il-kontenut tal-SCCs, iċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-trasferiment, kif ukoll ir-reġim legali applikabbli fil-pajjiż tal-importatur. L-eżami ta' dan tal-aħħar għandu jsir fid-dawl tal-fatturi mhux eżawrjenti stabbiliti skont l-Artikolu 45(2) tal-GDPR.

Jekk ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni jkun li l-pajjiż tal-importatur ma jipprovdi livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni, l-esportatur jista' jkollu jikkunsidra li jstabbilixxi miżuri addizzjonali għal dawk inklużi fl-SCCs. L-EDPB qed iħares aktar lejn fiex jistgħu jikkonsistu dawn il-miżuri addizzjonali.

Is-sentenza tal-QĠUE tfakkar ukoll fl-importanza li l-esportatur u l-importatur jikkonformaw mal-obbligi tagħhom inklużi fl-SCCs, b'mod partikolari l-obbligi ta' informazzjoni fir-rigward tal-bidla tal-leġiżlazzjoni fil-pajjiż tal-importatur. Meta dawk l-obbligi kuntrattwali ma jkunux jew ma jkunux jistgħu jiġu rrispettati, l-esportatur ikun marbut bl-SCCs biex jissospendi t-trasferiment jew itemm l-SCCs jew jinnotifika lill-awtorità superviżorja kompetenti tiegħu jekk ikun biħsiebu jkompli jittrasferixxi d-*data*.

L-EDPB jieħu nota tad-dmirijiet għall-awtoritajiet superviżorji (SAs) kompetenti li jissospendu jew jipprojbixxu trasferiment ta' *data* lejn pajjiż terz skont l-SCCs, jekk, fil-fehma tal-SA kompetenti u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha ta' dak it-trasferiment, dawk il-klawżoli ma jkunux jew ma jistgħux jiġu rrispettati f'dak il-pajjiż terz, u l-protezzjoni tad-*data* trasferita ma tkunx tista' tiġi żgurata b'mezzi oħra, b'mod partikolari fejn il-kontrollur jew il-proċessur ma jkunx diġà ssospenda jew temm it-trasferiment.

L-EDPB ifakkar li huwa ħareġ linji gwida dwar id-derogi tal-Artikolu 49 tal-GDPR²; u li tali derogi għandhom jiġu applikati fuq bażi ta' każ b'każ.

L-EDPB se jivvaluta s-sentenza f'aktar dettall u se jipprovdi kjarifika ulterjuri għall-partijiet ikkonċernati u gwida dwar l-użu ta' strumenti għat-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi skont is-sentenza.

L-EDPB u l-SAs Ewropej tiegħu jinsabu lesti, kif iddikjarat mill-QĠUE, biex jiżguraw konsistenza madwar iż-ŻEE.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

Konġunt https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/eu-us-privacy-shield-third-annual-joint-review-report-12112019_mt

² Il-Linji Gwida tal-EDPB 2/2018 dwar id-derogi tal-Artikolu 49 skont ir-Regolament 2016/679, adottati fil-25 ta' Mejju 2018,

https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines_2_2018_derogations_mt.pdf, p. 3.